Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **13 ta' Lulju 2021**

# Għasel minn siti ta' Heritage Malta jirbaħ id-deheb f'kompetizzjoni internazzjonali

Kumpanija lokali li tipproduċi għasel tal-ifjen kwalità, minn xehdiet li wħud minnhom jinsabu f'siti ta' Heritage Malta, rebħet id-deheb fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-London International Honey Awards (LIHA).

Il-kumpanija – Golden Island – trabbi n-naħal f'diversi postijiet madwar Malta, fosthom fis-siti ta' Heritage Malta f'Tas-Silġ, Għar Dalam u San Pawl Milqi. Minbarra f'dawn is-siti, għandha kaxxi tan-naħal fil-Palazz ta' Sant'Anton u l-Palazz Verdala kif ukoll fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Ilha tipproduċi l-għasel mill-2008 u l-prodotti tagħha huma mfittxijin ħafna, kemm lokalment u anke barra minn Malta.

Kull sena x-xehdiet jipproduċu tliet ħażniet ta' għasel. Il-ħażna tar-rebbiegħa tiġi minn fjuri ta' pjanti differenti bħall-fidloqqom, is-silla, iċ-ċitru u x-xewk. Il-ħażna tas-sajf tiġi biss mis-sagħtar, flwaqt li dik tal-ħarifa ġejja mill-ħarrub u l-ewkaliptu. Għal-London International Honey Awards, Golden Island ippreżentat kampjuni mill-ħażna tas-sajf.

Il-ġurija f'din il-kompetizzjoni hija magħmula minn esperti li jduqu l-għasel bla ma jingħataw ebda tagħrif dwaru. Biex ikun eliġibbli, l-għasel irid jgħaddi minn eżamijiet estensivi li jsiru f'laboratorju indipendenti akkreditat. B'kollox jingħataw erba' premjijiet, li jvarjaw minn bronż sa platinu. Il-premju tad-deheb jingħata lil għasel li jikseb bejn 85.5 u 95.0 punt minn punteġġ massimu ta' 100.